# *IL-VARA TAL-MADONNA TAR-RUŻARJU*

**Kitba ta' SAL**



Qabel ma wieħed jitkellem mill-Istatwa tal-Madonna tar-Rużarju ta' Birkirkara, għandu jagħti ħarsa qasira lejn il-Fratellanza, il-Kappellun, l-Altar u l-Kwadru tagħha.

Hu maħsub li l-Konfraternità tar-Rużarju Mqaddes ġiet imwaqqfa fil-Parroċċa medjevali ta' Santa Marija Assunta u Santa Liena f'Birkirkara mill-Viżitatur Apostoliku Monsinjur Pietru Duzina fl-1575. Meta mbagħad, snin wara, dik il-Knisja nħattet biex flokha nbniet il-Knisja l-Qadima li hemm illum, il-Fratelli mill-ewwel akkwistaw għalihom wieħed mill-Kappelluni u fih waqqfu l-Altar tar-Rużarju. Imbagħad huma bagħtu jgħarrfu b'dan lill-Vigarju Ġenerali ta' l-Ordni tad-Dumnikani f'Santa Maria sopra Minerva, ġewwa Ruma, permezz tad-Dumnikan Malti Patri Ludoviku Micallef. Il-Vigarju Ġenerali, li kien Patri Majjistru Domenico de Marinis, b'Digriet maħruġ mill-Kurja Ġeneralizja tiegħu fid-9 ta' Mejju 1648, ikkonċeda lil din il-Fratellanza ta' Birkirkara dawk l-istess Indulġenzi kollha li jgawdu l-Fratelli tar-Rużarju fil-Knejjes tad-Dumnikani. Huwa ried ukoll li l-Fratelli ta' din il-Konfraternità jagħmlu kwadru b'pittura għal fuq l-Altar tagħhom, u dan juri fih il-ħmistax-il posta tar-Rużarju Mqaddes, kif ukoll lil San Duminku għarkopptejh qed jirċievi l-kuruna tar-Rużarju minn idejn il-Madonna.



**Il-Madonna tar-Rużarju tad-Dumnikani tar-Rabat li fuqha nħadmet il-vara ta' Birkirkara.**

Minn hawn 'il quddiem xterrdet iżjed id-devozzjoni lejn il-Madonna tar-Rużarju; u kienu ħafna dawk li mhux biss daħħlu r-Rużarju ta' kuljum fil-ħajja tal-familji tagħhom, imma poġġew ukoll lill-Madonna bħala tama tagħhom. Insemmu hawn x'uħud biss minn dawn il-każi:

Toni Buhagiar, bin Marjanu, minn Birkirkara, fid-9 ta' Mejju 1670 mar quddiem Nutar u stqarr li ried jaqta l-vizzju tal-logħob ta' l-ażżard. Għalhekk intrabat li ma jilgħabx aktar għal tul ta' sentejn; u jekk jonqos minn din il-wegħda, hu kellu jħallas ħames uqijiet (flus) lill-Prokuraturi tal-Kappella tar-Rużarju mwaqqfa fil-Kolleġġjata l-qadima. L-istess wegħda għamel Karlu Borg iben Karlu, minn Birkirkara wkoll, fl-istess jum u għand l-istess Nutar. Fis-7 ta' Lulju 1671 Ċensu Xeberras bin Pietru, li wkoll kellu l-vizzju tal-logħob ta' l-ażżard, għamel wegħda lill-Madonna tar-Rużarju li ma jilgħabx aktar għal tul ta' għaxar snin. Jekk hu jonqos milli wiegħed, obbliga ruħu li jħallas għaxar uqijiet (flus) lill-Kappella tar-Rużarju ta' Birkirkara.

Fl-4 t'Ottubru ta' l-istess sena, Duminku Borg iben Indrì, wkoll minn Birkirkara, minħabba li kien imdaħħal sewwa fil-logħob ta' l-ażżard, wiegħed lill-Madonna tar-Rużarju li għal tul ta' sena ma jilgħabx aktar. Jekk ma jżommx kelmtu, hu obbliga ruħu li jagħti ratal xemgħa maħduma lill-Altar tagħha mwaqqaf fil-Kolleġġjata l-Qadima.

Karkariż ieħor, Indrì Pullicino bin il-mejjet Marjanu, li wkoll kellu l-vizzju tal-logħob, fil-11 ta' Jannar 1672 għamel wegħda li ma jilgħabx aktar għal tul sentejn sħaħ. Jekk jibdel fehmtu, kellu jħallas ħames uqijiet (flus) lill-Altar tal-Madonna tar-Rużarju ta' Birkirkara.

Dawn il-wegħdiet kollha saru b'kuntratti formali quddiem xi Nutar Pubbliku u fil-preżenza tax-xiehda, skond il-liġi.

Sa dan it-tant, in-numru tal-Fratelli u Konsorelli ta' din il-Fratellanza

kompla jiżdied minn ġimgħa għal oħra, u minn xahar għal ieħor. Wara li kienu ġa ħasbu biex ikollhom wieħed mill-altari l-aktar prestiġjużi tal-Knisja l-Qadima, issa riedu wkoll li jkollhom Statwa li tkun tista' toħroġ fil-purċissjoni tar-Rużarju li minn żmien il-qedem kienet issir fl-ewwel Ħadd t'Ottubru (kif jaċċertana l-Isqof Fra Pawlu Alpheran De Bussan fil-Viżta Pastorali tiegħu ta' l-1736).

Għal dan il-għan huma kellmu lill-Imgħallem Ġużeppi Azzopardi bin il-mejjet Salvu, mill-Birgu, u wrewh ix-xewqa tagħhom li jaħdmilhom Statwa tal-Madonna tar-Rużarju għal Birkirkara. Għalhekk nhar is-7 ta' Ġunju 1693 dan l-Imgħallem Azzopardi mar quddiem Nutar f'Birkirkara, u fil-preżenza tax-xiehda Ġamri Vella minn H'Attard u Ġużeppi Ciantar, daħal f'obbligazzjoni mal-Prokuratur tal-Fratellanza Duminku Borg, u mal-Fratelli Patist Grech, Wiġi Borg u Mastru Ġlormu Azzoppardo f'isem sħabhom il-Fratelli l-oħra, li jagħmel Statwa jew Vara ta' l-injam tal-Madonna tar-Rużarju, li tkun kopja ta' dik li l-Patrijiet Dumnikani għandhom fil-Knisja tagħhom tal-Madonna ta' l-Għar, fir-Rabat ta' Malta. Dik l-Istatwa kienet inħadmet f'Ruma mill-magħruf Skultur Melchiorre Gafà, u inġiebet f'Malta fl-1681.

L-Iskultur Azzopardi obbliga ruħu li jiskolpixxi din l-Istatwa fi żmien sitt xhur, u kellu jitħallas tagħha 155 Skud wara li jkun ikkunsinnaha lill-Prokuratur u tkun ġiet minnu aċċettata. Saru wkoll dawn il-kundizzjonijiet:

1. Il-Prokuraturi jkunu obbligati li jagħtu bla ħlas lill-imsemmi Mgħallem Ġużeppi biċċa għuda skond it-tul ta' l-Istatwa, u din għandha tkun tat-tilju jew tal-luq.

2. L-istess Mgħallem Ġużepp ikun obbligat li jagħmel din l-Istatwa fuq dik tal-Knisja tal-Madonna ta' l-Għar, għand il-Patrijiet Dumnikani tar-Rabat, u li jagħmilha aħjar minnha f'kollox. Meta tkun lesta, jintbagħtu żewġ periti biex jarawha flimkien; jekk dawn il-periti jsibu li din il-Vara ma taqbilx għal kollox ma' dik tar-Rabat, allura l-Prokuraturi tal-Fratellanza ta' Birkirkara ma jkunux obbligati li jaċċettawha, u ma jkollhom ebda obbligazzjoni lejn l-Imgħallem Ġużeppi, l-anqas li jħallsuh għax-xogħol li jkun għamel fuqha. L-istess Mgħallem aċċetta u kien kuntent b'dak il-ftehim.

3. L-imsemmi Mastru Ġużeppi jkun obbligat li barra l-Istatwa, huwa jagħmel ukoll pedistall għaliha. Dan għandu jkun ukoll tal-luq, tilju u arznu.

4. Fl-aħħarnett, l-istess Mgħallem Ġużeppi jobbliga ruħu li, a spejjeż tiegħu, inaddafha minn xi bċejjeċ ta' ħadid u njam li jkunu baqgħu magħha (iżda xi xogħol ieħor żgħir fuq din l-Istatwa kellu jsir mill-imsemmijin Prokuraturi). Fil-fatt, l-Istatwa saret u ingħoġbot u ġiet aċċettata mill-Prokuraturi tal-Fratellanza tar-Rużarju u meħuda fil-Knisja Kolleġġjata l-Qadima bl-

approvazzjoni tal-Kapitlu Elenjan. Kulħadd qabel kemm tassew din il-Vara rinaxximentali ġiet kopja eżatta tal-Madonna tar-Rużarju tal-Gafà li hemm f'San Duminku tar-Rabat. Għalhekk fil-11 t'Ottubru 1694 l-Imgħallem Azzopardi ħa l-ewwel parti mill-ħlas għax-xogħol tiegħu; fit-28 ta' Novembru ta' l-istess sena sarlu t-tieni pagament; filwaqt li t-tielet u l-aħħar ħlas għal din l-Istatwa sar fid-9 ta' Mejju 1695. Il-flus biex saret l-Istatwa kienu nġabru mill-Prokuraturi.

Għaddew kważi għoxrin sena, u billi din l-Istatwa kienet għadha fuq l-injam biss, il-Prokuraturi Mastru Mikiel Casha iben Pawlu, u Ġakbu Buttigieg bin il-mejjet Marjanu, ftehmu ma' l-Imgħallem Maruzju Bremun, mill-Belt, biex jinduraha. Għal dan ix-xogħol ta' induratura, nhar it-23 ta' Novembru 1714 l-imsemmijin Prokuraturi ħallsu s-somma ta' 11-il skud u 9 tarì lil Grazzjulla Bremun, l-armla ta' l-induratur Maruzju, li kien għadu kif miet.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna tar-Rużarju matul is-snin kompliet dejjem tikber fost il-Karkariżi kollha, imma l-aktar mal-Fratelli ta' din il-Fratellanza antika. Huma riedu wkoll mhux biss li jkollhom Vara sabiħa għall-purċissjoni tax-xahar t'Ottubru, imma li l-Altar u l-Kappellun tagħha jkomplu jissebbħu, speċjalment malli mill-Knisja l-Qadima ġarrew kollox għall-Knisja l-Ġdida, il-Kolleġġjata Bażilka tallum. Għalhekk nhar l-1 t'Ottubru 1742, il-Prokuratur ta' l-Altar u l-Fratellanza tar-Rużarju, li kien Ferdinandu Camenzuli, ftiehem ma' l-Imgħallem Pawlu Zahra, Skultur minn l-Isla, biex dan jiskolpixxi fil-ġebla l-ħmistax il-Misteru tar-Rużarju Mqaddes, u jagħmel ukoll żewġ kwadri fil-ġnub: kollox skond id-disinn li ppreżentalu u ġie ffirmat miż-żewġ partijiet. Dan ix-xogħol kellu jsir fi żmien sena, u l-ħlas ġie miftiehem għal 200 Skud, li 25 Skud minnhom ġew mogħtija lill-Iskultur fis-7 t'Ottubru ta' l-istess sena; 25 Skud oħra malli beda x-xogħol; 100 Skud matul ix-xogħol; u l-aħħar 50 Skud wara li x-xogħol kien mitmum b'sodisfazzjon ta' kulħadd. Saru wkoll il-kwadru prinċipali ta' fuq l-istess Altar minn idejn il-pittur magħruf Francesco Zahra, kif ukoll Stendard abjad, lanterni tal-fidda, fjuretti tal-ganutill u l-ventaltar sabiħ. B'hekk il-Kappellun u l-Altar tal-Madonna tar-Rużarju, kif ukoll l-Istatwa tagħha, ġew minn ta' quddiem fost it-teżori artistiċi l-aktar għeżież tal-Kolleġġjata Elenjana.

Imma l-Fratelli tar-Rużarju dejjem baqgħu jħarsu 'l quddiem, u wara kull pass għamlu ieħor. Fit-13 ta' Mejju 1783, il-Prokuratur ta' l-Altar tar-Rużarju, li issa kien Mastru Ġanni Borg, ftiehem ma' l-Iskultur Ċikku Dimech mill-Belt biex dan jagħmel skultura oħra fil-ġebel fis-Sekond'Ordni, fuq l-istess Altar, biex ikun jaqbel ma' l-iskultura li kienet saret fuq l-Altar tal-Kurċifiss, fil-Kappellun tal-faċċata. Dan ix-xogħol kellu jitlesta sat-8 ta' Diċembru 1783, u sewa 165 Skud.

Issa kien imiss li l-Istatwa tal-Madonna tar-Rużarju tkompli tiġi mżejjna minn xi devot tagħha. Fil-fatt ma damx wisq ma tfaċċa benefattur. Għalhekk nhar it-30 ta' Settembru 1786, Wiġi Borg iben il-mejjet Ġużeppi, minn Birkirkara, Prokuratur tal-Fratellanza tar-Rużarju, mar quddiem in-Nutar u stqarr li kien irċieva mingħand l-Avukat Gejtu Grima, mill-Belt, f'isem ommu Marija Gatt, kuruna tar-Rużarju magħmula minn għaxar posti b'żibeġ taż-żerriegħa taċ-ċentifolju, u bi tmintax il-żibġa oħra tal-filugranu tad-deheb; u fit-tarf kellha domna tal-filugranu tad-deheb ukoll bix-xbiha tas-Salvatur fuq naħa u tal-Madonna fuq in-naħa l-oħra. Din il-kuruna kellu jieħu ħsiebha għal dejjem il-Prokuratur ta' din il-Fratellanza, u kellu hu stess kull sena jdendilha minn id il-leminija ta' l-Istatwa tar-Rużarju meta din tinħareġ darbtejn fil-Knisja; fl-ewwel Ħadd ta' Mejju għall-festa tal-Madonna tal-Warda, u fl-ewwel Ħadd t'Ottubru, fil-festa proprja tagħha; kif ukoll meta toħroġ f'purċissjoni. Dan l-Avukat benefattur ried li din il-kuruna tar-Rużarju ma kellha qatt titpoġġa fuq il-kwadru tal-Madonna ta' din il-Fratellanza, u li ma setgħet qatt tiġi mibjugħa jew tintuża għal skop ieħor, l-anqas għal xi raguni urġenti jew urġentissima, u l-anqas jekk il-qliegħ mill-bejgħ tagħha jmur għall-Knisja jew għall-istess Fratellanza. Ried ukoll li jekk qatt din l-ordni tiegħu tiġi miksura, allura l-istess kuruna prezzjuża kellha tmur għand il-Fratellanza tar-Rużarju mwaqqfa fil-Parroċċa ta' Ħal Balzan.

Aktar tard, il-Kavallier Ċensu Borg (Braret) kien qabbad lill-Iskultur Salvu Psaila biex għamillu l-Istatwa majestuża ta' Santa Liena. Mhux kuntent b'dan biss, Braret ried ukoll li jagħmel Statwa oħra tal-Madonna tar-Rużarju, imma hu miet qabel il-waqt. Billi riedu jkomplu jwettqu x-xewqa ta' zijuhom, in-neputijiet tiegħu għalhekk ftehmu quddiem Nutar biex fi żmien sena, l-istess Skultur Psaila jtemm ix-xogħol ġa mibdi minnu fuq din l-Istatwa ġdida ta' l-injam, jiżbogħha u jinduraha, u jara li tkun fi stat xieraq biex toħroġ fil-purċissjonijiet. Barra minn hekk, Psaila aċċetta wkoll li jagħmlilha l-pedistall, il-bradella, u l-lasti biex tintrefa' fuqhom; u mal-pedistall kellha titwaħħal l-arma tal-kunjom Borg ta' zijuhom. L-Iskultur Psaila kellu jitħallas total ta' 500 Skud biex jiskolpi din il-Vara, u dan il-ħlas jinkludi l-injam, l-iskultura, iż-żebgħa u l-induratura tagħha.

Mhux magħruf x'seta' sar minn din l-Istatwa tar-Rużarju, ordnata minn Braret u skolpita minn Salvu Psaila, għaliex il-Vara li għadha teżisti sal-lum hija dik stess maħduma fuq 300 sena ilu u miġjuba mill-Knisja l-Qadima, u li hi replika eżatta ta' l-Istatwa ta' Melchiorre Gafà li hi meqjuma b'għożża kbira għand il-Patrijiet Dumnikani tal-Madonna ta' l-Għar, fir-Rabat ta' Malta.